**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum l-Erbgha 30 ta' Settembru 2020, fid-9:30 a.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Xhud is-**Supretendent George Cremona** iben Carmelo mwieled H' Attard u residenti x-Xewkija Ghawdex bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid :

***Dr Jason Azzopardi :***
Sur Cremona, for the record; ir-rank tieghek fil-Korp u kemm ilek tokkupa dak ir-rank?

***Ix-Xhud :***
Mela r-rank tieghi fil-Korp huwa ta' Supretendent tal-Pulizija u ilni nokkupa dan ir-rank minn 2018.

***Dr Jason Azzopardi :***
2018; u inti responsabbli minn liema unit fil-Korp?

***Ix-Xhud :***
Jiena responsabbli minn Counter Terrorism Unit u l-Intelligence relatata ma' National Security.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Sorry? U hija relatat ma'..

***Ix-Xhud :***
National security.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
All right

***Dr Jason Azzopardi :***
U ilek responsabbli mill-Counter Terrorism u National Intelligence minn meta?

***Ix-Xhud :***
Minn l- 2005.

***Dr Jason Azzopardi :***
Mill-2005. Mela ha nigu mal-ewwel ghas-suggett; lets cut through the chase. 16 ta' Ottubru 2017. Tista' tghid lill-Bord inti x' ghamilt wara illi sar maghruf illi kien hemm assassinju f' karozza bomba....

***Chairman Imhallef M Mallia :***
L-ewwel nett, inti dak iz-zmien x' kont?

***Ix-Xhud :***
Kont spettur.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Spettur. Fejn?

***Ix-Xhud :***
Fl-istess unit

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Fl-istess unit. All right.

***Dr Jason Azzopardi :***
Jekk joghgbok Sur Cremona, dak inhar ta' Ottubru jekk ghamiltx xi haga, tlabtx xi haga partikolari garax xi haga frott ix-xoghol tieghek?

***Ix-Xhud :***
Mela, fis-16 ta' Ottubru 2017 ghal habta ta' xi l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar wara li gie maghruf l-incident sfortunat tal-persuna li giet maqtula permezz ta' bomba bdejt il-kuntatti ma' counterparts Amerikani sabiex nidenditikfa u nara x' jistghu joffrulna anke through l-eperjenza li ghandhom f' dawn l-affarijiet. Kont attendejt kors xi tliet snin jew erba' snin qabel u kont sigur li jekk jigu huma hawn Malta jistghu jghamlulna dak li jghidulu data mining u triangulation through their expertise.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qabel tkompli. Inizjattiva tieghek personali jew inkella gejt dirett minn xi hadd biex taghmilha?

***Ix-Xhud :***
No. Inizjattiva tieghi personali. Hadtha jiena. Bdejt il-kuntatti mal-counterparts gewwa Ruma u sussegwentement wara li bdejna d-diskussjonijiet

anke through il-WhatsApp, li ghandi kopja taghhom hawnhekk li ha nipprezenta lill-Bord, informajt biha lill-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien li kien is-Sur....

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri qabel dak il-mument, il-mument li qed issemmielna inti, kont informajt lil ta' fuqek x' kont ser taghmel?

***Ix-Xhud :***
No no. Dak huwa jaqa' fid-dekasteru tieghi u nara illi l-aqwa assistenza li nistghu nsibu ngibuha hawn Malta specjalment fuq ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma inti dak iz-zmien kont Spettur inti.

***Ix-Xhud :***
Spettur, hekk hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma kellek xi hadd fuqek allura, le?

***Ix-Xhud :***
Supretendent ma kellix

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma kellekx?

***Ix-Xhud :***
Kelli Deputat Kummissarju s-Sur Silvio Valletta.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Silvio Valletta. U allura inti s-Sur Valletta informajtu?

***Ix-Xhud :***
Informajtu wara

***Imhallef J Said Pullicino :***
Wara.

***Ix-Xhud :***
Wara.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Wara li kellek ir-risposta

***Ix-Xhud :***
Hekk hu hekk hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
All right. Kollox sew.

***Ix-Xhud :***
Bdejt it-trattati ma’ l-Amerikani u rajna li..

***Dr Jason Azzopardi :***
Jekk tista’ tghid lill-Bord li..; meta tghid.., jekk ghandek din il-liberta` tghid, meta tghid ma’ l-Amrikana, liema law enforcement agency kont ....

***Ix-Xhud :***
Mela, il-law enforcement agency li sar il-kuntratt maghha huma l-FBI. Sar through Deputy Legal Attache gewwa Ruma u maghhom iddiskutejt x’ jistghu joffrulna u f’ kemm zmien possibbli l-iqsar zmien possibbili li jistghu li jibaghtu t-team taghhom hawn hekk. Sussegwentement informajt ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Lawrence Cutajar u qalli, qalli – George, l-importanti li jsir dak li ghandu jsir. Jekk irridu ingibu lil dawn in-nies jistghu jaqbdu u jigu. Sussegwentement preparajt l-ittra ufficjali tal-Kummissarju lill-Ambaxxatrici Amerikana u din intbaghtet by email, li hawn kopja taghha wkoll fid-dokumenti, l-Foreign Affairs biex jippreparat in-not verbal halli jkunu jistghu jinfurmaw l-Ambaxxata Amerikana ufficjalment.

Ovvjament l-esperti kienu jirrikjedu illi jsir data mining u triangulation fuq certu cells partikolari u din sussegwentement saret. Hawnhekk hawn id-dokumenti kollha; u importanti illi nghid illi d-dokument hu kollu d-diskors li sar bejni u bejn il-counterpart tieghi gewwa Ruma. Pero` l-isem taghha gie imnehhi for her safety and for a security reasons. Issa tajjeb ukoll, bhal ma diga` ghedt, hawn il-korrispondenza kollha relattiva. Tajjeb ukoll issa xtaqt nidhol daqsxejn fl-operat x’ ghamilna u x’ ma ghamilniex dak iz-zmien. U jekk forsi l-Bord jippermettili nitlob illi nixhed bil-maghluq ghax jidhol fil- ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Sur Cremona, naqbel mieghek illi dik il-parti trid issir bil-maghluq jekk il-Bord jaccetta; pero` nistax nissuggerixxi lill-Bord ghal ragunijiet ta’ pratticita` nehilsu l-parti tax-xhieda tieghek li tista’ tinghata fil-miftuh jekk joghgbok

***Imhallef J Said Pullicino :***
Naqblu naqblu.

***Dr Jason Azzopardi :***
Imbaghad wara jekk il-Bord jaccetta, il-parti li hija fil-maghluq ghandha ssir fil-maghluq. Naqblu?

***Ix-Xhud :***
Mhix problema.

***Dr Jason Azzopardi :***
Jekk joghgbok; mela apparti dak inhar, tista' you walk us through anke jekk kienx hemm xi zviluppi li inti gejt infurmat bihom minn l-investigazzjonijiet anke fix-xhur ta' wara?

***Ix-Xhud :***
Mela importanti li nghid li l-ewwel kuntatt li sar permezz tal-WhatsApp mal-Legal Attache gewwa Ruma sar fis-16 ta' Ottubru 2017 fil-hamsa u hamsa ta' filghaxija (5 : 05 pm). U dan jinkorpora hafna affarijiet fejn iddiskutejna x' jistghu jibaghtu u x' jisghu joffrulna u x' ma jistghux joffrulna. Tlabt ukoll jekk kienx hemm xi servizzi barranin li kellhom assi satellitari fuq Malta. Pero` sfortunatament ir-risposta giet fin-negattiv u sussegwentement gejt informat ukoll illi ma kellhomx current satellites li kienu qed jiffokaw fuq Malta b' mod specifiku fuq il-Bidnija u l-madwar ghal dak inhar u x-xhur ta' qabel. Dik importanti li nghidu wkoll. Pero` sussegwentement sar xi xoghol iehor u anke kien hemm investigazzjoni li dhalna fiha relattivament biex stajna naslu ghal certu affarijiet li jekk il-Bord jaccetta nkun nista' nixhed bil-maghluq imhabba diversi operazzjonijiet li saru.

***Imhallef J Said Pullicino :***
All right.

***Dr Jason Azzopardi :***
Sur Cremona, fl-2019 is-sena li ghaddiet, tistax tghid lill-Bord jekk gejtx informat min-naha Amerikana ta' xi fatt partikolari?

***Ix-Xhud :***
Iva. Fid-29 ta' Settembru 2019 gejt infurmat mill-kontro parti Amerikana illi kienu qed jinvestigaw kaz ta' pesuna illi kienet u uriet ix-xewqa through id-dark Web sabiex tixtri.., il-kliem preciz kien firearm, ammunition and suppressor. Suppressor huwa s-silencer. U minn hemmhekk bdew l-investigazzjonijiet. Pero` biex nidhol aktar fid-dettal…; Dan kien fid-29 ta' Settembru 2019.

***Dr Jason Azzopardi :***
Dettalji, mela ha nibdew pass pass. Il-counterpart Amerikana qed nitkellmu liema Dipartiment?

***Ix-Xhud :***
F' dan il-kaz kienu l-Homland Security.

***Dr Jason Azzopardi :***
Mela Homeland Security counterpart tieghek informa lilek, m' hemmx ghalfejn inkunu nafu min hu jew min kienet, illi frott l-investigazzjonijiet li kienu qed jaghmlu id-dark web.., tispjegali ftit fil-qosor hafna xi tfisser 'dark web'?

***Ix-Xhud :***
Dark web huwa…, jiena minhiex tekniku, ha nibdew minn hemm. Pero` d-dark web hija sistema minn fejn il-kontrabandu kollu madwar id-dinja jigi mixtri u jigi relattivament pubblikat. Ovvjament huwa difficli hafna sabiex tasal ghal min ikun hallas. Importanti wkoll li nghidu illi l-hlas ma jsirx in cash jew through visa, imma isir tramite Bitcoin li huwa aktar u aktar b' mod sigur u aktar difficli biex tasal ghal-individwu ..

***Imhallef A Lofaro :***
Biex ma tintraccax min kien.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu hekk hu.

***Dr Jason Azzopardi :***
Issa, Homeland Security fid-29 ta' Settembru tas-sena li ghaddiet informawk li kien hemm individwu? Persuna?

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Dr Jason Azzopardi :***
Illi, ikkoregini, xtrat jew pruvat tixtri pistola suppressor u ammunition. Fejn kellu jintbghat dak il-pakket? F' liema indirizz f' Malta?

***Ix-Xhud :***
Dak il-pakkett kellu jintbaght fuq George Fenech, 21$^{st}$ Floor, Portomaso, San Giljan.

***Dr Jason Azzopardi :***
Issa, id-dark web kella isem partikolari.

***Ix-Xhud :***
Id-dark web kienet Berlusconi, u li gara li ma stajniex nibqghu ghaddejjin bl-investigazzjoni huwa l-fatt illi kien hemm operation mill-Guardia di Finanza Taljana illi attakkaw id-dark web proprjament il-website Berlusconi, ghaliex? Ghax kien hemm operation fuq l-IPTV u proprjament allura t-transactions u l-Moniker, huma jsejhulu l-Moniker, min prova jixtri; ma setax ikompli bil-kuntratt..

***Imhallef A Lofaro :***
Moniker ghedtli? Moniker hux?

***Ix-Xhud :***
Moniker. a setax ikompli bil-kuntatti illi kienu ghaddejjin. Ahna mill-ewwel hsibna li ser nipprova nahdmu fl-istess kaz bil-mod kif hdimna fil-kaz ta' Jomic Calleja Madoc illi prova jixtri.. l-ewwel prova jixtri l-polonium 210, u sussegwentement xtara s-C4, l-isplussiv. F' dan il-kaz partikolari hdimna control delivery. Meta gejna informati li persuna jew persuni mhux identifikati kienu provaw jixtru l-polonium, dan qed nghid Lulju tas-sena l-ohra, hdima operation, gejna awtorizzati minn l-Avukat Generali biex naghmlu control delivery u nibdewha minn l-Istati Uniti. Tlajna l-Istati Uniti, biddidlna s-C 4 ma' inert, u bqajna insegwuh sakemm wasal hawn Malta u giet konkluza l-control delivery. Ahna dak il-hin hsibna li ser nahdmu bl-istess mod pero` sfortunatament id-dark web Berlusconi it was taken down by the Italian Authorities. U hawnhekk f' dan id-dokument ukoll li ha nghaddilkom hemm ukoll open sources fejn jghidlek il-perjodu illi.. jindikalek il-perjodu li l-website giet taken down.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` meta ghedtilna li wiehed kien ser jipprova jixtri din l-arma, iz-zmien meta kien dan?

***Ix-Xhud :***
Iz-zmien kien 29 ta' Settembru 2019.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri li pprova jixtriha dak iz-zmien jigifieri.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
2019.

***Ix-Xhud :***
2019, is-sena l-ohra. 29th September.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qed nifhem ir-relevanza ghal dan il-kaz, mhux hekk?

***Dr Jason Azzopardi :***
Meta kien hemm ovvjament Melvin Theuma imwerwer ghal hajtu ghaliex kif xehed disga` u kif hareg mir-recordings ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
….

***Imhallef A Lofaro :***
Ma kienx jissemma s- … Dr Azzopardi

***Dr Jason Azzopardi :***
Daka …. Fil-kumpilazzjoni ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax ukoll … the dark web kienet din.

***Dr Jason Azzopardi :***
Iva; fil-kumpilazzjoni, is-Sur Zahra minghalija kien xehed illi f' April tas-sena li ghaddiet kien hemm xi .. grammi ta'… , f' dan il-kaz qed nitkellmu proprju meta kien jaf li ha jsir l-arrest ta' Melvin Theuma f' dak l-istess perijodu.
L-ahhar domanda qabel ma morru ghal maghluq, Sur Cremona, dan ix-xiri jew attentat ta' xiri ta' arma bl-apparat li semmejt is-silensor u l-iminition, il-hlas kien ser isir bil-Bidcoins?

***Ix-Xhud :***
Bil-Bidcoin. Issa tejjeb ukoll ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kemm nistaqsik, lil George Fenech f' dak l-indirizz kontu kellimtuh dwarha din?

***Ix-Xhud :***
George Fenech ahna morna ghal persuna li huwa missier Yorgen Fenech, li dak huwa mejjet.

***Imhallef A Lofaro :***
Dak mejjet, ezatt. George huwa z-ziju, le? ta' Yorgen

***Dr Jason Azzopardi :***
No. Il-papa`

***Ix-Xhud :***
Il-papa`

***Imhallef A Lofaro :***
Li miet.

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Imhallef A Lofaro :***
I see.

***Ix-Xhud :***
Tajjeb ukoll illi nahseb nghid ukoll li meta Jomic Calleja Madoc li huwa kaz separat ipprova jixtri l-polonium kien tahom.. meta qed jiccettjaw biex jixtri l-polonium u kemm irid doza; ghall-ewwel qal irrid doza wahda u mbaghad qallu hames dozi. F' mument partikolari kien anke intalab jaghti l-weight u l-height ta' min irid joqtol. Jigifeiri hemmhekk ghandek indikazzjoni l-intenzjoni specifika f' dan il-kaz separata..

***Imhallef A Lofaro :***
U tahom dawn id-dettalji?

***Ix-Xhud :***
Iva iva, u dawn ..

***Imhallef A Lofaro :***
Tahom ukoll!

***Ix-Xhud :***
Dawn xhedthom ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Le mhux f' dan; m' ghandux x' jaqsam ..

***Ix-Xhud :***
No no no, fil-kaz ta' Jomic Calleja Madoc. Dan tahom fil-kaz li ghandu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

***Dr Jason Azzopardi :***
Jekk nista' nistaqsi u tista' twiegeb, meta l-Homeland Security fid-29 ta' Settembru infurmawk bix-xiri jew tentattiv ta' xiri ta' dawn il-firearm, individwalek jew semmewlek jew irreferw ghal xi individwu li fil-fehma taghhom kien ghamel din ix-xirja jew pprova jixtri?

***Ix-Xhud :***
No no.

***Dr Jason Azzopardi :***
Pero` tawk l-indirizz.

***Ix-Xhud :***
Tawni l-indirizz li kien indikat mix-xerrej tramite id-dark web. Ovvjament jiena dak id-dettalji kollha li kellna ghaddejthom lill-Ispettur ..

***Dr Jason Azzopardi :***
U ghandek x' turi lill-Bord beix tipprezenta?

***Ix-Xhud :***
Iva. Lill-Ispettur Keith Arnaud

***Dr Jason Azzopardi :***
Min-naha tieghi tista' nkompli bil-maghluq

***Imhallef A Lofaro :***
Lill-ispettur Keith Arnaud ghedtli.

***Ix-Xhud :***
Keith Arnaud iva

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` Dr Azzopardi,… interessanti u relevanti ghal hafna affarijiet, pero` mhux necessarjament ghal din l-Inkjesta eh! Ghax jiena dana ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Skuzani, il-Bord ha japprezza l-importanza tar-relavanza meta ftit tal-gimgha ohra jekk il-Bambin irid tingieb certa evidenza quddiem il-Bord ..

***Imhallef A Lofaro :***
Dik tal-Europol?

***Dr Jason Azzopardi :***
Ezatt. Jekk forsi nista’ nieqaf s’ hemm..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qed naghmel dan il-punt ghax inkella ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Yes yes

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kriminali hawn hafna; jaghmel hafna attivitajiet imma l-attivitajiet mhux kollha jidhlu f’ din l-Inkejsta.

***Dr Jason Azzopardi :***
Fuq dan ix-xhud ghal parti bil-maqghluq nistghu naghmluha fil-maghluq u mbaghad ..ghax il-Bord ghandu xhieda ohrajn iktar tard

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Iva. All right.

Din hija s-sustanza tax-xhieda tas-**Supretendent George Cremona** kif giet dettata minnu stess fil-prezenza ta’ l-istess xhud.

Niddikjara li traskrivejt bl-ahjar hila tieghi x-xhieda ta’ l-istess xhud.

Saviour Scicluna
Traskrittur